# Il-Ġgant u l-Iskarpan (Reċta)

## Addattament ta' ħrafa antika Maltija minn Trevor Żahra

*Jieħdu sehem:*

Narratur

Ġgant

Skarpan

Omm il-Ġgant

NARRATUR: Darba kien hemm skarpan li kien dejjem jiġġerra minn raħal għal ieħor, isewwi ż-żraben tan-nies. Għodwa waħda fettillu għadda minn bosk biex iqassar it-triq u f'salt wieħed jiltaqa' ma' ġgant.

ĠGANT: Bonġu ferħ ta' bniedem. Tgħidx kemm ili nistenna wieħed bħalek. Ersaq lil hawn ħalli nieklok!

SKARPAN: Mhux hekk! L-ewwel nagħmlu logħba bejnietna u naraw min l-aktar joħroġ ta' raġel.

ĠGANT: Tajjeb! Inti x'taf tagħmel?

SKARPAN: Ibda int, u tara kif kulma taf tagħmel inti, jiena naf nagħmlu aħjar minnek.

NARRATUR: Il-ġgant infexx jidħak kemm jiflaħ.

ĠGANT: Ħaħaħaħaħa! Issa naraw!

NARRATUR: Il-ġgant ġabar ġebla mill-art, għafasha f'idejh u għamilha trab.

Ir-raġel bil-moħbi daħħal idu fil-basket, ħareġ ġbejna friska u għamel tabirruħu qed jiġbor ġebla mill-art. Għafas il-ġbejna f'idejh u minnha beda jqattar l-ilma.

Il-ġgant berraq għajnejh.

ĠGANT: Dan donnu jiflaħ aktar minni!

NARRATUR: Imma l-ġgant ma qatax qalbu. Refa' ġebla oħra mill-art, beda jdawwarha f'idu u xeħitha 'l bogħod b'kemm saħħa kellu.

ĠGANT: Ara għandekx ħila tixħitha 'l bogħod aktar minni.

NARRATUR: Ir-raġel ħareġ żbandola mill-but, poġġa ġebla fiha, beda jdawwarha b'saħħtu kollha u l-ġebla taret sparata 'l fuq. U sparixxiet.

Il-ġgant baqa' ċċassat u beda jħokk rasu.

ĠGANT: Imma din żgur ma tagħmilhiex.

NARRATUR: U mal-kelma l-ġgant qabad l-akbar siġra li kien hemm fil-bosk u qalagħha bl-għeruq b'kollox.

Ir-raġel beda jitbissem. Fetaħ il-basket, ħareġ minnu ħabel kbir u beda jorbtu minn siġra għal oħra.

ĠGANT: X'se tagħmel?

SKARPAN : Se naqla' l-bosk kollu!

ĠGANT: Le, le jaħasra ... ara ma tagħmilx hekk. Inkella ma jkollix fejn noqgħod.

NARRATUR: U l-ġgant telaq iħaffef lejn il-qalba tal-bosk.

Meta l-ġgant mar id-dar, qal b'kollox lil ommu.

OMM: Oqgħod attent minn dak il-ferħ ta' bniedem, għax dak moħħu jilħaqlu u għad jeqirdek.

NARRATUR: Il-ġgant baqa' jaħseb fuq dak li qaltlu ommu.

ĠGANT: Mela jaqbel neqred lilu jiena, qabel ma huwa jeqred lili!

NARRATUR: L-għada l-ġgant u l-iskarpan reġgħu ltaqgħu.

ĠGANT: L-għodwa t-tajba, ja ferħ ta' bniedem!

SKARPAN: L-għodwa t-tajba.

ĠGANT: Taf x'nixtieq mingħandek ... nixtieqek turini fejn torqod.

SKARPAN : Bil-qalb kollha. Imxi warajja.

NARRATUR: L-iskarpan mexxa lill-ġgant lejn it-tarf tal-bosk u wara ftit urieh girna f'nofs ta' għalqa.

SKARPAN: Hemmhekk norqod jien, ġo dik il-girna!

ĠGANT: Kollox sew. L-għodwa t-tajba!

NARRATUR: U l-ġgant telaq għal xogħlu.

Imma dak il-lejl, l-iskarpan ma daħalx jorqod fil-girna tiegħu. Tela' ma' siġra kbira u raqad moħbi fil-weraq u z-zkuk tagħha. F'nofs ta' lejl instemgħu resqin passi tqal u goffi.

Fid-dawl ta' qamar, l-iskarpan lemaħ lill-ġgant ġej iġorr blata kbira fuq rasu. Il-ġgant kompla riesaq lejn il-girna u hekk kif wasal ħdejha xeħet il-blata b'saħħtu kollha fuq is-saqaf tal-girna. Dik id-daqsxejn ta' dwejra ġġarrfet u saret frak. Il-ġgant ħaseb li b'hekk kien irnexxielu jeħles mill-iskarpan.

Għalhekk tistgħu taħsbu kif baqa' skantat meta l-għada filgħodu, il-ġgant reġa' ltaqa' mal-iskarpan qawwi u sħiħ.

SKARPAN : Bonġu Sur Ġgant!

ĠGANT: Kif jista' jkun? Inti kif għadek hawn? Dal-lejl ma ħassejt xejn meta kont rieqed fil-girna?

SKARPAN: Iva! Ħassejt qisu ftit ġir jaqa' fuq wiċċi!

NARRATUR: Il-ġgant ma riedx jemmen lil widnejh.

ĠGANT: Ja ferħ ta' bniedem, inti tassew b'saħħtek ħafna, imma hemm ħaġa li fiha jiena żgur ngħaddik.

SKARPAN : Fiex?

ĠGANT: Fl-ikel! Jiena żgur niekol ħafna u ħafna aktar minnek.

SKARPAN : Nagħmlu mħatra?

ĠGANT: Tajjeb wisq. Xi trid insajru?

SKARPAN: Ikla ravjul! Nerġgħu niltaqgħu hawnhekk għada f'nofsinhar u nġibu magħna dak kollu li għandna bżonn.

NARRATUR: U hekk għamlu. L-għada, sewwasew f'nofsinhar, il-ġgant u l-iskarpan iltaqgħu fil-bosk. Magħhom ġabu l-borma kbira, ir-ravjul u z-zalza u bdew isajru. Il-bosk ma damx ma mtela bir-riħa tal-ikel.

Meta kollox kien lest, firxu dvalja mal-art, qalbu l-ikel fil-platti u bdew jieklu.

Imma dak l-iskarpan kien makakk, kien ħaseb jilbes ġlekk twil u taħtu kellu moħbija xkora tal-ġilda mdendla m'għonqu. U għal kull ravjula li jiekol, l-iskarpan beda jixħet ħamsa ġol-ixkora. Waħda jiekol u ħamsa dritt għal ġol-ixkora.

Il-ġgant beda jiekol ir-ravjul sitta sitta u f'kemm trodd salib battal il-borma kollha.

ĠGANT: Qed tara kif kilt aktar minnek!

SKARPAN : Le, jien kilt aktar.

ĠGANT: Le, jiena kilt l-aktar!

SKARPAN : Kollox sew, mela ngħodduhom.

ĠGANT: Kif jista' jkun ngħodduhom?  Ladarba kilniehom issa qegħdin ġo żaqqna.

SKARPAN : Dażgur li nistgħu, hekk ara!

NARRATUR: U mal-kelma, l-iskarpan kien pront ħataf sikkina, ċarrat l-ixkora tal-ġilda u r-ravjul qabeż 'il barra u tferrex mal-art.

NARRATUR: Il-ġgant ma riedx jaqa' għaċ-ċajt. Ħataf is-sikkina u ċarrat żaqqu!  U waqa' mejjet mal-art.

Għalkemm il-ġgant kien fih daqsiex u l-iskarpan kien biss ferħ ta' bniedem, huwa xorta waħda rnexxielu jirbaħlu bil-ħażen ta' moħħu!

---